# LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR

JANNAR 2021 – Ħarġa Nru: 187




*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

## X'SE TOFFRILNA?!

Kien hemm xi ħadd li talab lill-Mulej jikkanċella s-sena 2020 mill-istorja! Żgur li kienet sena ta' sfidi kbar għal kulħadd minħabba l-Covid-19, tista' tgħid fl-oqsma kollha tal-ħajja – fil-mediċina, f'dik soċjali, fl-ekonomija u oħrajn.

Kienet sena li "ħarbtitilna" r-ritmu tagħna! Għall-bidu konna nittamaw li l-pandemija tagħmel magħna ftit xhur, tfittex tgħaddi biex nerġgħu lura għall-ħajja "normali" tagħna. Aktar ma beda għaddej iż-żmien, bdejna nintebħu li din se ttawwal u li se toħloq aktar problemi.

**Ħelsien**

Issa, li beda jingħata l-vaċċin, beda jidher xaqq ta' dawl u diversi huma dawk li qed jagħmlu xi tentattivi biex jipprogrammaw xi ġrajjiet importanti.

Huwa veru li lkoll kemm aħna nixtieqū li dil-pandemija tieqaf darba għal dejjem, imma




jekk aħna se nħarsu lejha b'dan il-mod biss, se nerġgħu mmorru għal dak li konna qabel. U dan ikun gwaj kbir għax ikun ifisser li ma nkunu tgħallimna xejn!

Nittama li ħadd ma joħlom li din il-pandemija hija kastig t'Alla! Ovvjament, xejn ma jiġri ta' xejn. Dejjem hemm kawża. Dak li jagħmel Alla hu, li lilna jtina dehen biżżejjed biex nużaw l-għaqal tagħna u, nitgħallmu minn kull esperjenza li ngħaddu minnha anke dik l-aktar iebsa u kerha f'ħajjitna.

**Għaqal**

Il-fatt li l-pandemija tawlet daqstant, ifisser li lkoll kemm aħna – gvernijiet, investituri, għaqdiet, familji u individwi, irridu nkunu għaqlin biex dak li aħna ġarrabna fil-lockdowns, iż-żmien ta' riflessjoni li għamilna fit-tul u l-weġgħat li ġarrabna, jgħinuna nirriflettu li sa qabel il-pandemija mhux kollox kien sejjer sew.

Ngħidu aħna l-WHO diġà wissiet li jekk mhux se nieħdu ħsieb it-tibdil qawwi li qed iseħħ fil-klima, ma ndumux ma nerġgħu niġu ffaċċjati b'xi virus ieħor. Jista' jkun hemm min ma jaqbilx ma dan imma jekk aħna nanalizzaw il-fatti, ma naħsibx li qegħdin 'il bogħod li dan jista' jseħħ.

Naħseb li ħadd ma jista' jiċħad li qabel ma faqqgħet il-pandemija, żgur li kellna deficit f'dawk li huma relazzjonijet. Minħabba x-xogħol u l-impenji, f'ċerti każi, ir-

relazzjonijiet bejnietna saru kważi ineżistenti jew artifiċjali minħabba l-ħajja kultant insapportabbli u diżumana li kultant ngħixu. Dan jgħodd kemm fil-qasam tal-familja, fl-ambjent tax-xogħol u anke bejn il-ħbieb.

Dan żgur li huwa qasam li rridu naħdmu fuqu – kemm individwalment kif ukoll bħala familja. Dak li l-pandemija għallimtna f'ċerti oqsma, għandna nibqgħu naħdmu fuqhom anke jekk id-dinja terġa' taqbad ir-ritmu ta' qabel.

**Nevitaw il-gwaj**

Jalla fis-sena 2021 neħilsu mill-Covid-19, imma jalla wkoll inqgħedu fil-prattika t-tagħlimiet li suppost ħadna minnu għax inkella t-tbatjiet li għaddejna u għadna għaddejjin minnhom, ikunu bħall-ilma fuq dahar il-papri. U dan ikun gwaj kbir!

Nawgura lil kulħadd sena ġdida fejn ilkoll nirriflettu fuq kif se nattwaw it-tagħlimiet li l-Covid-19 suppost ħallielna.

Is-sena t-tajba lilkom ilkoll!

***Dun Evan***

## NILTAQGĦU NHAR … JANNAR 2021

**Ġimgħa 1:** **Solennità tal-Verġni Marija Omm Alla** – festa kmandata bl-obbligu tal-quddies. Min jista' joħroġ għandu jattendi fil-knisja. Min ma jistax, jassisti għall-quddiesa mill-mezzi tal-media. Fl-10.15am quddiesa solenni. Il-quddies ikun bħal tal-Ħadd.
**Sibt 2:** San Bażilju l-Kbir u San Girgor Nazjanzenu – Tifkira O.
**Ħadd 3:** **Solennità tal-Epifanija tal-Mulej.** Jitħabbru l-festi ewlenin tas-Sena Liturġika. Fl-10.15am quddiesa għall-familji. Fil-5.30pm Konċelebrazzjoni Solenni u purċissjoni bil-Bambin fil-knisja.
**Sibt 9:** Fl-10.00am Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla bil-Magħmudijiet.
**Ħadd 10:** **Festa tal-Magħmudija tal-Mulej**. Jaħbat il-**405 anniversarju** mit-twaqqif tal-parroċċa fl-10 ta' Jannar 1616. Fil-5.30pm Konċelebrazzjoni ta' radd-il ħajr fejn il-lajċi impenjati jġeddu l-impenn tagħhom fil-parroċċa. Billi jaħbat **Jum il-Parroċċa**, xieraq li jittellgħu l-bnadar fuq il-bjut.
**Ħadd 17:** **It-Tieni Ħadd tas-Sena Liturġika**
**Ħamis 21:** Sant'Anjeże, verġni u martri – Tifkira O
**Ġimgħa 22:** San Publiju, prinċep ta' Malta – Tifkira O
**Ħadd 24:** **It-Tielet Ħadd tas-sena**
**Tnejn 25:** Il-Konverżjoni tal-Appostlu Missierna San Pawl – Festa
**Tlieta 26:** San Titu u San Timotju, isqfijiet – Tifkira O
**Ħamis 28:** San Tumas ta' Aquino, presbiteru u duttur tal-Knisja – Tifkira O
**Ħadd 31:** **Ir-Raba' Ħadd tas-sena**

**INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM**

Carmelo Mercieca (92), Anna Mercieca (50), Henry Simmonds (71), Dominic Dalli (75), Martin Spagnol (64), Cristina Paris (87), Ġużeppi Grech (87), Thomas Young (53), Ġużeppi Farrugia (84), Lizio Camilleri (58), Angela Fenech (103), Carmelo Cassar (95).

*Agħtihom, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.*